MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru. 149/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Spiteri**
**vs**
**Josef Aquilina**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Josef Aquilina iben Carmel u Grace nee' Sapiano mwieled San Giljan fis-16 ta' Lulju 1979 u residenti 'Sta Marija', Triq il-Bajjada, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 349979(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-25 ta' Dicembru 2009 ghall-habta ta' 04:40 hrs gewwa Triq tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq l/o Naxxar, saq vettura b' Nru: JSF 167:

1. B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-Arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma vettura b'nru: BRI 582 u nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-

persuna ta’ Annabelle Mifsud skond ma ccertifika Dr. Duncan Xuereb MD (2970) mil-MDH. Kif ukoll ikkaguna griehi involontarji ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Marica Galea skond ma ccertifika Dr. Carlo Refalo MD (3235) mill-MDH, fuq il-persuna ta’ Sandra Falzon skond ma ccertifika Dr. K.B. Theuma MD (5201) u fuq il-persuna ta’ Brian Fenech skond ma ccertifika Dr. Michael Spiteri MD (2666) mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha beda licenzja tas-sewqan ghal-perijodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Marzu 2012 (esebita a fol. 129 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 226(1) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 226(1) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 226(1) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) fl-artikoli 226(1) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2012, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Dicembru 2009 ghall-habta ta' 4.40am fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BRI 562 misjuqa minn Brian Fenech u l-vettura JSF 167 misjuqa mill-imputat u fejn sofrew griehi kemm Brian Fenech kif ukoll il-passiggiera li kien hemm fil-vettura tal-imputat Josef Aquilina u cioe' Marica Galea u Sandra Falzon.

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-persuni appena msemmija fil-paragrafu precedenti izda il-kontestazzjoni tirrigwarda biss id-dinamika tal-incident u r-responsabilita' ghall-istess incident. Brian Fenech li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2011 jghid li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu gej mid-direzzjoni ta San Giljan u sejjer lejn Bugibba u kien wasal ftit l-isfel minn fejn hemm il-gabbana tal-gelati vicin l-Isplash and Fun u jghid li meta wasal vicin il-kisra izda kien ghadu fil-parti d-dritta tat-triq ra vetura gejja mid-direzzjoni opposta, hierga mill-kisra u qed tinstaq fuq il-kareggjata tieghu. Fenech isostni li sabiex jiskapula din il-vettura u ghaliex ma setghax jersaq lejn ix-xellug minhabba li kien hemm il-crash barriers fuq dik in-naha huwa kiser fuq il-lane l-ohra, u cioe' dik tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta u f'dak il-mument anki s-sewwieq l-iehor prova jikkoregi l-posizzjoni tieghu sabiex b'hekk sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi. Huwa jghid li ma jaqbilx mal-iskizz imhejji minn PS 160 Malcolm Mifsud u li jinsab inserit a fol. 6 tal-atti processwali ghaliex tidher li hemm dawra meta fil-fatt it-triq hija dritta. Huwa qal ukoll li bhala konsegwenza tal-incident sofra griehi ta' natura gravi ghaliex kellu ksur fil-clavicle, broken ribs, griehi f'irkoptu u l-pulmun infjammat. Fenech jghid li ghamel gurnata rikoverat l-isptar u gimgha rikoverat id-dar.

L-imputat Josef Aquilina ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012 u spjega li kien qed isuq il-vettura tieghu gej mid-direzzjoni ta' Bugibba u sejjer lejn San Giljan ghaliex ried iwassal lil habiba tieghu Pembroke u dan wara li huma kienu marru

l-quddiesa ta’ nofs il-lejl u wara ghal breakfast f’lukanda ghajn Tuffieha. Huwa spjega li kiser l-ahhar liwja lejn il-gabbana tal-gelati u kien qed isuq fuq sajdu u malli kien qed idur il-liwja l-vettura l-ohra misjuqa minn Fenech ostakolatlu l-kareggjata tieghu u sehh l-impatt frontali bejn iz-zewg vetturi.  L-imputat jghid li huwa ma seta’ jiehu ebda forma ta’ evasive action sabiex jevita l-impatt ghaliex malli dar il-liwja sab il-vettura l-ohra fuq il-kareggjata tieghu u l-impatt sehh frontalment fuq in-naha tal-lemin skond kif jidher mir-ritratti li huma mmarkati bhala Dok. JA1 sa Dok. JA 6.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-verzjonijiet tal-fatti moghtija miz-zewg sewwieqa huma t-tnejn qed isostnu li l-incident de quo sehh ghaliex is-sewwieq l-iehor kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u l-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tezamina jekk mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jistghax jirrizulta li l-imputat kien responsabbli ghall-incident de quo. Il-lok fejn gara l-incident huwa mfisser car kemm fl-iskizz imhejji mill-Pulizija kif ukoll mir-ritratti esebiti. L-incident fil-fatt sehh fejn il-bajja ta’ Bahar ic-Caghaq ezatt kif tinqabez l-ahhar liwja inti u gej minn San Pawl il-Bahar fejn it-triq tidritta ftit u tibda telgha li taghti ghal Splash and Fun.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Brian Fenech hija ghal kollox inverosimili. L-iskizz, il-posizzjoni tal-hsarat fiz-zewg vetturi u l-posizzjoni tal-istess vetturi fit-triq wara l-incident assolutament ma jistghux jitqiesu li jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Fenech izda min-naha l-ohra jikkoroboraw pjenament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u mill-passiggiera fl-istess vettura. Li kieku verament l-affarijiet graw kif issostni Fenech il-vetturi ma kienux jispiccaw kif fil-fatt spiccaw, u cioe iharsu lejn xulxin u leggerment angolati lejn xulxin. Dan jinghad ghaliex il-hsara fiz-zewg vetturi kienet wahda estensiva u principalment frontali. Li kieku huma habtu hekk kif it-tnejn kienu qed jippruvaw jiskapulaw lil xulxin, kif isostni Fenech, il-momentum taghhom kien

iwassalhom sabiex ikollhom hsara estensiva fuq ix-xewka ta’ quddiem u fuq il-gemb oppost ta’ xulxin. Inoltre il-vetturi kienu jieqfu ma gemb xulxin iharsu lejn il-bahar. Mill-iskizz izda jidher li l-vetturi waqfu kwazi iharsu lejn xulxin u dan jindika li l-verzjoni moghtija minn Fenech ma tistghax titwemmen. Inoltre mill-iskizz jirrizulta li l-ispot of impact kien kompletament fuq il-karreggjata ta’ hdejn il-bahar, u cioe’ il-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha l-imputat u dan jindika li l-vetturi waqfu hekk kif habtu. Li kieku l-vetturi kienu qed jaghmlu manuvra evasiva l-Qorti jidrilha li bil-momentum taghhom kienu jibqghu mexjin ma gemb xulxin sakemm jahbtu mac-cint baxx li hemm ma gemb it-triq. Il-mod kif waqfu l-vetturi u l-hsara fl-istess vetturi tindika b’mod car u inekwivoku li l-habta kienet wahda frontali. Fil-fehma tal-Qorti l-provi cirkostanzjali u indizjarji f’dan il-kaz ilkoll jindikaw li l-incident awtomobilistiku de quo sehh ghaliex Brian Fenech hu u niezel in-nizla ta’ Bahar ic-Caghaq baqa’ hiereg ghall-lemin tieghu u gie fil-karreggjata opposta fejn habat mal-vettura ta’ Aquilina li min-naha tieghu kien ghaddej ghall-affari tieghu fuq il-kareggjata tieghu.

Il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda traskuragni jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat Josef Aquilina u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------